# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **24** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 18 t'Awwissu 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Skuzat | Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 23.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Quaterly report April-Ġunju 2014.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 23(1) tas-21 ta' Lulju 2014:**

1.1.2 *Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 5 artiklu #2.1.6 għandu jinqara kif ġej:

"Il-Kunsill qabel unanimament illi nixtru erba fanali u jinbidlu ta Triq La Sengle mill-bidu ta' Triq La Sengle sal-Mużew."

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier s-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 23(1) tat-21 ta' Lulju 2014:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk l-arblu ta' ħdejn is-Summer nights tneħħiex.

Is-Sindku wieġbu illi tneħħiet il-kaxxa s'issa iżda l-arblu għadu hemm.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa rigward paġna 7 artiklu #3.9 jekk kellnix xi risposta mingħand il-managing authority rigward it-talba mill-Kunsill għall-estensjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi għadhom ma tawnix risposta.

➢ **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal-laqgħa fis-6:20pm.**

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward paġna 2 ariklu #3.1 jekk kienx hemm xi żviluppi, jekk bgħatnix lis-Sur Henwood dak li konna iddiskutejna fil-laqgħa preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bgħatna ittra lis-Sur Henwood u ħa nota ta dak li ddiskutejna pero ma daħalx fid-dettal biżżejjed b'hekk qal illi ser jerġa jibgħat ittra oħra iktar dettaljata.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi r-riħa ħierġa mil-Wasteserv qed tkun insopportabli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill qabel illi qabel ma l-Kunsill jikkunsidra l-permess għall-estenzjoni tal-ħin ġewwa l-Wasteserv hemm bzonn li jkunu konxji mill punti li aħna iddiskutejna fil-laqgħa preċedenti, hu kompla jgħid illi kien hemm drabi illi hu personali għamel ilmenti mal-Customer care tal-Kunsill rigward l-irwejjaħ li ġejjien mill-impjant, kompla jgħid illi importanti li l-Customer care ikollhom l-lista ta' ilmenti li jirċievu kollha rrekordjati.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi l-Customer care iżommu kollox dettaljat ta kull ilment li jidħol rigward l-irwejjaħ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-board huwiex qiegħed jiltaqa flimkien mal-Profs Buhagiar.

Is-Sindku qal illi l-bord għadu jiltaqa u l-Profs Buhagiar ikun preżenti għal kull laqgħa, kompla jgħid illi meta l-Profs prova jagħti idejat ta kif tidentifika l-irwejjaħ kien hemm problema ta' finanzi.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn nerġgħu niltaqgħu miegħu għax ilna wisq ma nagħmlu laqgħa miegħu.*

Is-Sindku qal illi jaqbel mal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u jħoss illi għandu jkun preżenti ukoll fil-laqgħa annwali għal dawk ir-residenti kollha li jixtiequ jistaqsu lill-bniedem tekniku fuq l-arja ġewwa Marsaskala.

Sar qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi jekk il-Profs jkun jista jġib xi log ins jekk hemmx xi affarijiet li huma allarmanti għar residenti tal-Lokalita jkun aħjar sabiex b'hekk ikun jista jispjegalna aħjar u nkunu nafu aħjar fiex qiegħdin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi kif qed naraw l-irwejjaħ qed jizdiedu fis-sajf fejn din hija xi ħaġa negattiva ħafna meta tara li l-lokalita' tagħna tgawdi minn ħafna turisti f'dawn iż-żminijiet.

2.1.5 *Il-Kunsillier is-Sur Lawrence staqsa rigward paġna 5 artiklu #2.1.6 jekk dawn il-fanali* ornamentali humiex imniżżla fit-tender għaliex hu ma jidirlux li qiegħdin imniżżlin, u għalkemm hu favur illi dawn il-fanali ornamentali jsiru dawn jiswew mat- €300 il-wieħed u mhux ser inkopruwhom kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jerġgħa jiċċekkja fit-tender jekk humiex imniżżla.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Ordni pubblika:**

Is-Sindku beda bili jgħid illi fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonniċi qed ikun hemm vandaliżmu kbir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi mhux qed ikun hemm biżżejjed pulizija.

Is-Sindku qal illi hemm bżonn ħafna aktar minn żewġ pulizija għal lokalita` bħal ma hemm fil-preżent sabiex ikunu jistgħu jżommu kontroll, kompla jgħid illi mhux biss hemm vandaliżmu ġewwa l-bandli imma mal-lokal kollu anke fuq il-bajjiet kulħadd jarma il-gazebos u l-kampijiet, bl-adoċċ u jittieħed spazju kollu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn li ġewwa Marsaskala jiżdiedu l-pulizija għaliex hawn wisq traskuraġni u vandaliżmu, kompla jgħid illi rċivejna korrispondenza fejn din il-persuna qalet illi l-bandli ta' Marsaskala huwa l-iktar bandli perikoluż għaliex kulħadd jilgħab bil-blalen,roti,mwejed u siġġijiet fin-nofs. Hu qal illi bye law fuq il-logħob bil ballun u r-roti ġewwa l-bandli ma teżistix.

Is-Sindku qal *illi irridu* niltaqgħu ma rappreżentanti tal-Lands Department biex jibdew jinfurżaw l-encroachment.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi t-tapit tal-bandli kellhom jibidlu 160 biċċa minnu minħabba it-traskuraġni li qed ikun hemm kemm min naħa tas-sidien tal-ħwienet u kemm mir-residenti. Kompla jgħid illi anke il-hawkers li qed ikun hemm armati suppost iżarmaw mal-lejl u mhux kif qed jiġri fejn qed iħallu kollox armat biex isibuh lest il-ġurnata ta wara.

Is-Sindku qal illi tajjeb nelenkaw dawn il-punti kollha li semmejna u nibgħatuhom lil-Awtoritajiet konċernati għaliex iħoss illi tlifna l-identita' tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kompla jgħid illi apparti minhekk tlifna ħafna nies minn ġewwa l-Lokalita', qal ukoll illi saħansitra ra nies ipparkajti fuq iz-zebra crossing.

Is-Sindku qal ukoll li tajjeb nitkellmu mas-Supretendet tat-traffiku żied jgħid li hemm bżonn mutur tat-traffiku fejn il-bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal ukoll illi qed ikollna problema bis-sewwieqa tal-jetskies.

Sar qbil unanimu illi niltaqgħu ma rappreżentanti mil-Lands Department kif ukoll niltaqgħu mal-Pulizija.

3.2 **Stima għall-bini ta' l-uffiċini Amministrattivi l-ġodda tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal li rċevejna l-istima tal-bini fejn it-total globali qiegħed maqsum fit-tlett tenders fejn jammonta għall-€578,000 incl VAT. Kompla jgħid illi hu tkellem mal-accountant tal-Kunsill u waslu f'konklużjoni illi flus biżżejjed m'għadnix anke ħabba l-fatt illi peressli dan Kunsill attiv ħafna kull sena qed nonfqu naqra iktar mil-allokazzjoni finanzjarja mogħtija lilna mil-Gvern Ċentrali. Hu qal illi l-unika mezz huwa li nieħdu il-fondi mill-UIF fejn għandna is-somma ta 'l fuq minn €200,000.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa kemm hu l-limitu li nistgħu nisselfu mill-bank.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi m'hemmx limitu pero il-proċedura li irridu ngħaddu minna hija twila u kkumplikata.

Is-Sindku qal illi xorta qiegħdin nonfqu ħafna flus fil-kera.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi la darba l-Kunsill jiddeċiedi illi nisselfu s-somma globali tal-bini ser tgħola ħafna aktar min kif hemm imniżżel fl-istima minħabba l-imgħaxijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tant hawn xogħol ġewwa l-Lokalita' fejn waħda mill-problemi hija li t-toroq f'Marsaskala għandhom bażi ħażina ħafna u dawn jiswew ħafna flus sabiex tirranġhom.

Is-Sindku qal li ma jħossx li għandna naqtgħu qalbna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bżonn illi nibdew mill-UIF għalkemm hu diġa bgħatilhom 6 xhur ilu fejn tkellem rigward il-fondi u jekk jistgħux jintużaw fil-bini tal-Kunsill u ma kienux *tawh permess*.

Is-Sindku qal illi hu jixtieq illi is-sena dieħla nkunu nistgħu nibdew bl-ewwel parti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jkun irid ikun jaf kif ser naslu għal din l-istima, kemm għandna flus etc kif ukoll trid tagħmel business plan għas-snin li ġejjien.

Is-Sindku qal illi kien hemm ħafna Kunsilli illi bdew ix-xogħol fuq l-uffiċini amministrattivi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara lill-Kunsill pass pass x'hemm bżonn li jsirskond kif stipulat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma nistgħux nibqgħu Kunsill daqshekk attiv jekk irridu li ngħamlu dan il-bini u allura l-Kunsill ser jkollu jnaqqas spejjeż fuq attivitajiet, manutenzjoni u infrastruttura biex ikun jista jwettaq il-proġett tal-bini ta' l-uffiċini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb l-ewwel nagħmlu buisness plan għaliex ma jħossx li huwa tajjeb li nwaqqfu x-xogħolijiet ġewwa Marsaskala sabiex nibnu l-bini amministrattiv.

Is-Sindku qal illi ġewwa Marsaskala sar ħafna xogħol bil-fondi tal-UIF u mhux mill-allokazzjoni.

Sar qbil unanimu illi nerġgħu nitkellmu mar-rappreżentanti tal-UIF biex naraw jekk nistgħux nutilizzaw il-fondi tal-UIF.

3.3 **<u>Rigward il-proposti sottomessi mil-Farm Advisory Consortium:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bi żvista ingħatat data ħażina sabiex jattendu għal-laqgħa rappreżentanti mil-Farm Advisory Consortium u allura ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

3.4 **<u>Manutenzjoni li saret fil-playingfield ta' Pjazza Mifsud Bonniċi:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadna azzjoni fejn bdilna 160 biċċa tapit mill-Pjazza Mifsud Bonnici minħabba li kien fi stat ħażin ħafna.

3.5 **<u>Applikazzjoni għal qlugħ ta' Carob tree viċin il-ground tal-football:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-applikazzjoni tal-carob tree ma ġietx aċċettata mill-MEPA għaliex il-ġustifikazzjoni min naħa tal-Kunsill ma ġietx meqjusa bħala valida mill-aspett ambjentali.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament numru 1690 u għaliex kien hemm it-talba għaż-żieda minħabba l-fuel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa iċċekja dwara u jidher illi meta kienet intefgħet it-tender il-fuel kien jiswa €1.21/ltr u issa tela għal €1.36/ltr vera li kien hemm żmien illi roħos pero mhux daqs kemm kien fil-bidu. Il-formula għat-talba fiż-żieda tal-fuel kienet tinsab fl-istess tender.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu iċċekja l-istatistika ta' kemm jintrema skart mill-Lokalita' ta' Marsaskala u qiegħed jidher illi kull Nhar ta' Ħadd mhux qed jintrema xejn ġewwa l-Wasteserv imbgħad it-Tnejn qed jidħlu erba trakkijiet.

*Is-Sindku qal illi il-Ħadd ma jitilgħux bl-iskart il-Magħtab imbagħad jarmuh kollu it-Tnejn.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill illi ġew l-awdituri mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaliex aħna wieħed mill-iktar Kunsilli li narmu skart. L-awditur ġie jiċċekja l-invoices eċċ. Dawn l-awdituri ġew imqabbda mill-Ministeru tal-Finanżi għaliex din l-ispiża qed iħallasa il-Gvern u din xi darba trid tinqata għaliex qed jintefqu miljuni kbar.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif jekk il-Gvern ma jibqax iħallas hu għar-rimi ta' skart żejjed ikollna problema finanzjarja kbira ħafna li ma nifilħux għaliha.

**l-Kunsilliera is-Sinjura Elizabeth Cassar pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Charlot Mifsud (#078 - 21/7/14):**

*"Jipproponi biex il-bankini tan-naħa tal-kappella fi Triq iz-Zonqor issirilhom manutenzjoni għaliex qed issirila ħsara bit-tyres tal-karozzi."*

Is-Sindku qal illi impossibli illi jinbidlu l-bankini għaliex hemmhekk hemm ħafna kantini u jispiċċaw li jisfrundaw waqt ix-xogħol.

Sar qbil unanimu illi jsirilhom manutenzjoni fejn neċessarju.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Charlot Mifsud (#079 - 21/7/14):**

*"Jipproponi biex isir lqugħ qabel ma taqbad it-tela tal-Bidni peress illi hu perikoluż u wieħed jista jaqa għal ġol-ġibjun."*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb isiru crash barriers.

Is-Sindku qal li anke bollards jiġu tajbin

Sar qbil unanimu illi ngħamlu crash barriers jekk possibli.

7.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur Daniel Spiteri (#080-23/7/14):**

*"Jipproponi sabiex isir ilqugħ fuq is-simenta fejn nagħmlu l-attivitajiet (quddiem sala Sant'Anna) sabiex jiġi evitat il- periklu illi xi nies jistgħu jaqgħu l-baħar speċjalment tfal."*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega kif peress l-attivitajiet isiru viċin ħafna tal-baħar qed ikun ta periklu għat-tfal b'hekk jixtieq li isir xi tip ta' lqugħ temporarju.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru bollards bil-katini temporanji għal waqt l-attivita'.

7.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#081-8/8/14):**

"Jipproponi sabiex nagħmlu xi tip ta *reflectors* zgħar għal fuq il-magħluq fi Triq tal-Gardiel."

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-mozzjonijiet tgħaddi fil-laqgħa li jmiss peress li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ma kienx preżenti.

7.5 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –Sur Mario Calleja (#082-13/8/14):**

"Jipproponi sabiex wara s-suċċess li kelna fuq it-`traffic management system` ġdid fit-toroq ta Gardiel, Granmastri u Kavallieri issa jmiss li naħdmu ftit fuq n-naħa ta` Bella Vista fuq it-toroq Friefet, Gross u Ħortan."

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha issir pjanta ta kif tista issir kif ukoll suġġerimenti.

5.0 **Approvazzjoni tal-Quaterly report April-Ġunju 2014:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal illi l-accountant ma setgħetx tkun preżenti u b'hekk beda jispjega l-quarterly report hu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward fond numru 2311 toroq u bankini infaqna l-ammont ta €71,919 fi Triq iz-Zonqor partijiet minn Triq il-Gross, Triq il-Qaliet, iż-żona ta' bellavista eċċ. Kompla jgħid li fadal nirċievu l-kont ta' Triq La Sengle kif ukoll ta miżura 125 fejn fil-każ tal-Miżura 125 il-Kunsill se jonfoq madwar €12,000 mil-fondi tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fond numru 3040 tneħħija ta'skart fejn qal li dawn huma flus li ntefqgħu sabiex jintrema l-iskart ġewwa l-Wasteserv fejn l-ammont ta €28,430 ġie ppreżentat lilna pero il-Kunsill ħallas l-ammont ta €16,549 ċioe' l-ammont allokat lilna mill-Gvern Ċentrali, pero l-ammont xorta ħa jibqa jidher daqs li kieku l-Kunsill fadallu xi jħallas u dan sakemm jitħallsu mil-Gvern Ċentrali.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega fond numru 3300 Ospitalita' u servizzi lill-komunita' u qal illi l-ammont ta' €6,251 jinkludi l-EUPA recovery of funds.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fond numru 2200 xiri ta' materjali u fornimenti tela l-ammont ta' €12,233 minħabba ż-żebgħa u l-materjal kollu li ntefaq minħabba ż-żebgħa tar-railing tal-promenade fej il-Gvern Ċentral kien bagħat numru ta' ħaddiema biex b'hekk tlesta proġett kbir ta' manutenzjoni tal-promenade u postijiet pubbliċi oħra f'qasir żmien.

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.0 **Informazzjoni mill-Kunsilliera:**

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lill-Kunsill illi irridu nibdew naħsbu sabiex noħorġu t-tender għall-Perit kif ukoll kwotazzjoni għad-dawl tal-Milied.

Is-Sur Ciantar staqsa meta ser jitlesta x-xogħol fuq l-arbli ta' Triq ix-Xatt għaliex ilna wisq u hemm bżonn li nħaffu ftit fix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu illi ser ikellem lill-kuntrattur ikkonċernat.

8.2 Il-Kunsillier Lawrence Ciantar staqsa jekk waslux il-boroz griżi ġewwa l-Kunsill min naħa tal-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi waslulna 700 borża.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi huwa ammont zgħir wisq u hemm bżonn illi jissuplixxuna b'aktar boroż.

Is-Sindku qal illi qed ikollna problema bil-Bring in Sites għaliex qed ikunu dejjem mimlijin u *ssuġerixxa illi jinbidlu l-Bring in sites domes għal bins on wheels.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal ukoll illi r-residenti ma ġewx infurmati sew rigward il-ġbir tal-ħġieg.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu lill-Green MT sabiex jinbidlu id-domes kif ukoll biex kemm jista jkun malajr jinxtraw il-bankijiet u c-cheque tas-Sur Mallia jingħata lill-Kunsill u meta x-xogħol fuq il-banikijiet ikun tlesta l-Kunsill iħallas direttament lis-Sur Mallia ħalli ma jkunx hemm dewmien.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar informa lill-Kunsill illi attenda laqgħa fejn irrappreżenta il-Kunsill fuq tagħrif rigward il-frieken u l-ideja kienet sabiex jagħtu umbrellel b'xejn lill dawk il-Lokalitajiet illi għandhom bajjiet li jżurhom ħafna nies, fil-każ ta' Marsaskala il-bajja magħżula kienet dik ta' San Tumas u tawna 30 umbrella. Hu kompla jgħid illi l-ideja hi li rappreżentanti tal-MEPA jiġu fil-lokalita' sabiex jagħmlu diskors ta' tgħarif u dawk li jattendu tingħatalhom umbrella u fuq l-umbrella hemm messaġġ rigward il-frieken. Il-persuna li għandna nikkuntatjaw hija s-Sinjura Carmen Mifsud kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-Kunsill Lokali zagħzagħ kellu feedback tajjeb ħafna u ħadmu fuq kampanja ta' awarness għal nies b'diżabilita u kif aħna r-resident għandna nedukaw ruħna fuq affarijiet bażiċi ta' kuljum eżempju li ma nħallux il-borża tal-iskart fin-nofs tal-bankina sabiex nies bis-siġġu tar-roti jkunu jistgħu jgħaddu mingħajr problemi. Saret applikażżjoni fejn meta tiġi sottomessa ikun hemm iċ-ċans li jiġu ma l-ewwel erba u jingħata premju ta' €3000.

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'inhi l-proċedura sabiex issir reserved parking.

Is-Sindku spjega illi l-ewwel jiġu l-Kunsill sabiex jimlew formola tal-blue sticker u tintbgħat lit-TM wara li tinareġ il-blue sticker it-TM jiverifikaw mal-Kunsill u l-Kunsill jiverifika mar-resident, min naħa tal-Kunsill nergħu nibgħatu l-applikazzjoni mimlija lit-TM u jinħareġ jew le l-permess.

8.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq il-manutenzjoni ta' l-arbli tad-dawl fi Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna qed nistennew mingħandom.

8.7 *Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-MTA jridu jiltaqgħu magħna sabiex jiddiskutu l-latrini ġewwa* Marsaskala u jinsab ħerqan li issir din il-laqgħa.

8.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk għadux isir radju hompesh.

Is-Sindku qal illi għadu jsir u ġie deċiż li nibqgħu għaddej sa l-aħħar ta' din is-sena umbagħad nieqfu.

8.9 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fl-opinjoni tiegħu l-magazin tal-Kunsill għandu jitella fil-*website u jkun qiegħed online biss u mhux mqassam fid-djar.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-opinjoni tiegħu għandu jitqassam lir-residenti pero` darbtejn f'sena biss f'Ġunju u Diċembru u mhux kull tlett xhur.

Is-Sindku qal illi ma jaqbilx li jkun online biss iżda jaqbel li jibda jiġi mqassam darbtejn f'sena biss.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jibda jitella fuq il-website u jinħareġ darbtejn f'sena.

8.10 Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar infurmat lill-Kunsill bl-attivitajiet għax-xahar ta' Settembru:

Programm tas-6 ta' Settembru:

6.00pm - 'l quddiem esebizzjonijiet fit-Torri.

7.45 pm- Prezentatur jintroduci it-tlugħ tal-Bandiera mal-Innu Marsaskala.

8.00 pm - Bidu tal-Pageant (reenactment).

*Iis-Sindku jaghmel kelmtejn tal-okkażżjoni u jagħti Ġieħ Marsaskala, wara tournament minn* Wirt Artna fuq il-ħamrija.

Programm tas-7 ta Settembru:

9.15am -Quddies ta radd il-ħajr.

Wara jsir it-tberik ta l-annimali – żwiemel, klieb, qtates etc...

10.15am - Ħarġa saż-Żejtun fejn sa nibdew minn San Tumas u ngħaddu mit-toroq li għaddew it –Torok fl-1614. Sa nżuru il-Knisja ta' San Girgor u l-passaġġ sigriet, il-Knisja tas-salvatur u kif ukoll il-Knisja ta' San Klement.

9.0 **<u>Aġġornament:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru 2014 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku